**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 15 ta' Frar 2022**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Chantelle Casha)**

**Vs**

**DWAYNE ZAMMIT**

**KUMPILAZZJONI NUMRU : 417/2018**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Dwayne Zammit** detenur tal-Karta ta' l-identita numru 435199(m), fejn gie akkuzat talli nhar 03 ta' Lulju 2018 ghall-habta ta 14:00Hrs u/jew xi hinijiet qabel jew wara gewwa ir-residenza 15, Bianco Nera, triq l-14 ta' Dicemrbru 1945, Fgura u/jew f'dawn il-gzejjer;

1. minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car ikkagunajt hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Dailin Zammit ID; 16799(m) u cioe griehi ta' natura gravi jew gibt disordni fil-mohh hekk kif iccertifikat minn Dr.Ryan Camilleri gewwa Sptar Materdei u dan bi ksur tal-Artikli 214, 215, 216, 222 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli hebb ghall-persuna ta' Dailin Zammit ID; 16799(m) sabiex jingurjah, idejaqu jew jaghmilla hsara bi ksur tal-artiklu 339(1)(d) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin lok u cirkustanzi ghamel lil Dailin Zammit ID; 16799(m) injurji jew theddied u jekk kien provokat, hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni bi ksur tal-artiklu 339(1)(e) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli gar il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta u bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr licenzja jew permess minghand il-Kummisarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-artikolu 6 tal-kapitlu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti tista', meta jidhrilha xieraq, biex tipprovdi għas-sigurtà ta' Dailin Zammit ID; 16799(m) u jew sabiex jinżamm il-bonordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena appllikabbli għar-reat, torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mill-qorti dan ai terminu tal- artikolu 383, 384 u 385 tal-kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta

Il-Qorti tista’ jekk jidrilha xieraq, minħabba f’raġunijiet motivati, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna offiża Dailin Zammit ID; 16799(m) jew individwi oħra jew għaż-żamma tal-ordni pubblika, jew għall-iskop ta’ protezzjoni tal-persuna leża jew ta’ individwi oħra minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża’ta’ vjolenza, toħroġ ordni ta’ protezzjoni kontra l-akkużat u dan ai terminu tal- artikolu 412(c) tal-kapitlu 9 tal-ligijiet ta’ Malta

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija minbarra li tinflingi l-piena stabbilita mill-ligi, tordna lill-imsemmi persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif pruvat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti u l-evidenza kollha rizultanti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa;

Rat ir-*rinvio a giudizio* ta’ l-Avukat Generali tad-9 ta’ Marzu 2020 (ara folio 160) u l-kunsens ta` l-imputat sabiex il-kawza tigi deciza bir-rit sommarju moghti fl-udjenza tal-04/10/2021 (ara folio 178);

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat;**

Illi dan il-kaz huwa karatterizzat minn zewg verzjonijiet konfliggenti dwar kif effettivament sehhew il-feriti fuq il-persuna ta` Dailin Zammit (ara certifikat a folio 12). Fil-qosor, Dailin Zammit jghid li kien huh l-imputat li aggredieh b'sikkina; minn naha l-ohra, l-imputat jghid li kien effettivament huh Dailin li aggredieh b'turnavit u kien filwaqt li pprova jirrispingieh, li Dailin sofra xi griehi f'subghajh.

Irrizulta mill-atti illi r-relazzjoni bejn l-ahwa ma hi xejn tajba u s-sitwazzjoni li fiha tghix il-familja kollha ma hi xejn felici. Il-problemi socjali fi hdan din id-dar huma evidenti.

Fil-gurnata, hin u lok in kwistjoni inqala argument verbali bejn l-ahwa imsemmija li sfortunatament ipprecipita f'wiehed fiziku, anki jekk dan kien ghal ftit sekondi.

Minn ezami akkurat tar-rizultanzi processwali din il-Qorti tqis li jezistu zewg verzjonijiet konfliggenti kif moghtija mill-ahwa. U meta l-Qorti tezamina aktar fil-fond l-istess rizultanzi, tasal sabiex temmen aktar il-verzjoni li effettivament kien Dailin Zammit li, wara li skambju verbali xejn sabieh bejn il-protagonisti, resaq u ried il-konfront fiziku ma huh l-imputat u l-aggressjoni allura sehhet propju minn naha ta` l-imsemmi Dailin Zammit. Dan iwassal lill-Qorti sabiex temmen illi d-dinamika kienet wahda fejn allura l-imputat, rinfaccat b'din is-sitwazzjoni, agixxa u ghamel azzjoni biss biex jirrespingi l-hebb li kien gejn minn naha ta` huh Dailin Zammit.

Ir-rizultanzi processwali ghalhekk huma tali li ma jwasslux sal-grad rikjest mill-ligi ghas-sejbien tal-htija.

**KONKLUZJONI.**

**GHAL DAWN IL-MOTIVI DIN IL-QORTI SSIB U TIDDIKJARA LIL DWAYNE ZAMMIT MHUX HATI TA` L-IMPUTAZZJONIJIET KOLLHA MIGJUBA KONTRA TIEGHU U MINNHOM TILLIBERAH SKOND IL-LIGI.**

Dr Ian Farrugia LLD

Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur